Fil-Qorti tal-Maġistati (Għawdex)
Inferjuri

Rikors numru 497/2015 a tenur tal-artikolu 466 tal-Kap.12

Mary Jane Aquilina

vs

Reġistratur tal-Qrati u Tribunali (Għawdex)

Illum il-Ġimgħa, 5 ta' Frar 2016

Il-Qorti,

Rat ir-rikors ta' Mary Jane Aquilina tad-19 ta' Awwissu 2015 li permezz tiegħu, wara li ppremettiet:

1. Illi fis-17 ta' Awwissu 2015, l-esponenti ġiet innotifikata b'ittra uffiċċjali (Ittra numru 497/2015) datata 15 ta' Lulju 2015 mir-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali (Għawdex) spedita fit-termini tal-artikolu 466 tal-Kap. 12 sabiex tħallas id-dritt tar-reġistru ta' tliet mija u ħamsa u għoxrin ewro u tlieta u ħamsin ċenteżmu (€325.53ċ) mitluba bħala bilanċ dovut fi dritt tar-reġistru fil-kawża fl-ismijiet : Carmel Aquilina et vs Julian Camilleri (Ċitaz numru 62/2000), li ġiet deċiża fis-17 ta' Ottubru 2000;

2. Illi l-esponenti trid tikkontesta din it-talba għall-ħlas billi fl-ewwe lok it-talba tinsab perenta ai termini tal-artikolu 2156(g) atl-Kap. 16. Fi kwalunkwe każ l-esponenti mhix debitriċi fil-konfront tal-intimat;

Talbet li din il-Qorti jogħġobha tiddikjara t-talba tar-Reġistratur tagħha fl-ewwel lok preskritta, u subordinarjament bħala waħda infondata fid-dritt u fil-fatt.

Rat ir-Risposta tar-Reġistratur li permezz tagħha wieġbet:

1. Illi r-rikorrenti Mary Jane Aquilina hija waħda mill-attriċi fil-kawża fl-ismijiet Carmel Aquilina et vs Julian Camilleri (Ċitż Nru. 62/2000), liema kawża tal-atturi rebħu bl-ispejjeż fis-17 t' Ottubru 2000 u ma jirriżultax illi ġiet appellata. Għaldaqstant, ir-rikorrenti m'għandha l-

ebda interess ġuridiku topponi għat-talba tal-esponenti stnate illi d-dritt tar-reġistru ġie minnha rkuprat mingħand il-konvenuti u ilha żżommu għal bosta snin. Għaldaqstant, jekk it-talba tar-rikorrenti tiġi milqugħa, r-rikorrenti tkun qed tibbenefika minn arrikkiment indebitu a skapitu tal-esponenti;

2. Konsegwentement, u kif anke ser jintwera fil-kors ta' din il-kawża, l-preskrizzjoni nvokata mir-rikorrenti ma tistax tintlaqa'.

3. Għaldaqstant, ir-rikors odjern għandu jiġi respint bl-ispejjeż.

Semgħet ix-xhieda prodotti.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat il-verbal tal-istess udjenza fejn ħalliet ir-Rikors għal-lum għas-sentenza tagħha.

Ikkunsidrat:

Illi din hija proċedura taħt l-artikolu 466 tal-Kap.12 li permezz tagħha r-rikorenti qed tikkontesta ittra uffiċċjali[1] fejn ir-rikorrenti presenti ġiet mitluba tħallas is-somma ta' €325.53ċ dovuta bħala bilanċ ta' dritt tar-Reġistru għall-kawża fl-ismijiet: Carmel Aquilina et vs Julian Camilleri (Ċitaz. Numru 62/2000) deċiża minn din il-Qorti fil-kompetenza superjuri tagħha fis-17 ta' Ottubru 2000.[2] Hija qed issostni li t-talba hija preskritta a tenur tal-artikolu 2156(g) tal-Kap. 16, u li fi kwalunkwe każ it-talba hija infondata fid-dritt u fil-fatt.

Ir-Reġistratur, da parti tagħha, tinsisti li l-ammont mitlub għadu kollu dovut.

L-artikolu 2156(g) jippreskrivi l-azzjonijiet tal-Gvern ta' Malta għall-ħlas ta' drittijiet ġudizzjarji, dazji jew taxxi oħra bl-egħluq ta' ħames snin. Jirriżulta li t-taxxa dwar l-ispejjeż u drittijiet tal-kawża hawn fuq indikata nħarġet fit-8 ta' Novembru 2000,[3] u skont ma xehed l-Assistent Reġistratur, l-unika intimazzjoni għall-ħlas tad-dritt dovut lir-Reġistru kienet proprju din l-Ittra Uffiċċjali li qed tiġi kontestata. Indubbjament, din l-Ittra ntbagħtet ferm wara li laħaq skada ż-żmien preskritt mill-artikolu tal-liġi hawn indikat. Għalhekk *prima facie* ir-rikorenti kellha

[1] Ara kopja a fol. 2 tal-process
[2] Ara kopja a fol. 8 - 10
[3] Ara kopja esebita a fol.11

raġun ssostni li l-azzjoni tar-Reġistratur għall-ħlas permezz ta' din l-Ittra Uffiċċjali llum tinsab preskritta.

Madankollu, meta ġie amministrat lir-rikorrenti l-*guramento decisorio* a tenur tal-artikolu 2160 tal-Kap.16, din, wara ċerta riluttanza biex tixhed, ma weġbitx li mhix debitriċi, jew li ma tiftakarx jekk l-ammont mitlub ġiex imħallas, kif mitlub mill-istess provvediment tal-liġi.[4] Għalhekk skont ma jistipula l-istess artikolu, f'ċirkostanzi simili, l-preskrizzjoni eċċepita mir-rikorrenti m'għandu jkollha ebda effett.

Apparti l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni, r-rikorrenti ma ressqet ebda raġuni oħra biex tfissir għaliex is-somma rikjesta mhix dovuta. Qalet biss li kien fadlilha tiġbor mal-erba mija (presumibilment liri maltin) mingħand il-konvenut fil-kawża relattiva). B'daqshekk pero' bħala ko-attriċi f'dik il-kawża mhix ġustifikata li tibqa' ma tħallasx il-bilanċ tad-dritt tar-Reġistru li għadu dovut.

Għaldaqstant, tiddeċidi dwar dan ir-rikors billi tiċħad it-talba u tiddikjara l-Ittra Uffiċċjali in kwistjoni bħala li tikkostitwixxi titolu eżekuttiv għall-fini tal-artikolu 466 tal-Kap.12.

Bl-ispejjeż tal-proċedura presenti kontra r-rikorrenti Mary Jane Aquilina.

(ft) Paul Coppini
Maġistrat

(ft) Silvio Xerri
D/Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur



[4] Ara deposizzjoni tagħha a fol.17 -19